L-Istabbilimenti ta’ Akkomodazzjoni Kollettiva: K3/2026

NR 214/2026 | It-Turiżmu | Data tal-Ħruġ: **23/11/2026** | Data tal-Għeluq: 09/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija



Il-Punti ewlenin

- Fit-tielet kwart tal-2026, l-għadd kollu ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkommodazzjoni kollettiva f’Malta kien ta’ 894,891, li huwa żieda ta’ 14.4 fil-mija fuq l-istess perjodu tal-2025.
- L-iljieli kollha mqattgħin f’dan il-perjodu laħqu l-4,270,863 lejl, żieda ta’ 10.4 fil-mija fuq it-tielet kwart tal-2025.
- Minn Lulju sa Settembru 2026, il-biċċa l-kbira tal-iljieli (48.0 fil-mija) kienu rreġistrati f’lukandi ta’ erba’ stilel.
- Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, l-użu nett ta’ sodod fit-tielet kwart tal-2026 żdied b’0.5 punti perċentwali biex ġie ta’ 80.6 fil-mija.

Il-Kummentarju

Fit-tielet kwart tal-2026, l-għadd kollu ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkommodazzjoni kollettiva laħaq it-894,891, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mqattgħin kien ta’ 4,270,863.

Fit-tielet kwart tal-2026, il-biċċa l-kbira ta’ dawn l-iljieli kienu mqattgħin f’lukandi ta’ erba’ stilel, bi 48.0 fil-mija tal-għadd sħiħ (Tabelli nru 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, it-tul medju ta’ dawn iż-żjajjar fl-istabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva niżel bi ftit għall-4.8 iljieli. L-użu nett ta’ sodod kien ta’ 80.6 fil-mija, żieda ta’ 0.5 punti perċentwali meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 3).

F’Settembru li għadda, f’pajjiżna kien hawn 380 stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva attiv li bejniethom kellhom 25,348 kamra tas-sodda u 58,483 sodda (Tabella nru 4).

Analiżi tar-reġjuni

Fit-tielet kwart tal-2026, l-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva f’Malta kien ta’ 845,132, li huwa żieda ta’ 14.8 fil-mija fuq l-istess perjodu tal-2025. Kien hemm ukoll żieda ta’ 10.6 fil-mija fl-għadd ta’ ljieli mqattgħin sabiex dawn laħqu l-4,113,570. F’Għawdex u Kemmuna, il-persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta’ akkomodazzjoni kollettiva żdiedu b’6.9 fil-mija sabiex laħqu d-49,759, filwaqt li l-iljieli li għamlu żdiedu b’6.0 fil-mija sabiex laħqu l-157,293 (Tabelli nri 1 u 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2025, it-tul medju taż-żjajjar f’Malta naqas bi ftit għall-4.9 iljieli, filwaqt li f’Għawdex u Kemmuna baqa’ bħalma kien fl-2025, li huwa ta’ 3.2 iljieli. F’Malta, l-użu nett ta’ sodod żdied b’0.5 punti perċentwali għall-81.4 fil-mija, filwaqt li dak f’Għawdex u Kemmuna naqas bi ftit biex ġie ta’ 65.1 fil-mija (Tabella nru 3).

Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta’ akkomodazzjoni kollettiva u l-għadd ta’ ljieli mqattgħin



It-Turiżmu

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: K3/2026

It-Turiżmu Lejn Malta: Settembru 2026

Il-Passiġġieri tal-Vapuri tal-Kruċieri: K3/2026

L-Intensità tat-Turiżmu: 2025

It-Turiżmu Lejn Malta: Awwissu 2026

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

lcc.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula